**Rapport tal-Kumitat imwaqqaf biex ifassal regoli ghal Sajd Rikreazzjonali.**

Ghaziz Direttur,

Ahna taht iffirmati fil-kwalita' taghna ta' membri tal-Kumitat imwaqqaf mill-Ministeru tar-Rizorsi u Affarijiet Rurali sabiex ifassal regoli ghal Sajd Rikreazzjonali ghandna l-pjacir li nipprezentawlek dan ir-Rapport.

Il-Kumitat iltaqa' ghaxar darbiet bejn Ottubru 2012 u Frar 2013 u f'dawn il-laqghat huwa ddiskuta fid-dettal u wasal ghal konkluzjonijiet fuq is-segwenti 'terms of reference' u cioe:-

1. X'tip ta' sajd ghandu jigi kkunsidrat bhala sajd rikreazzjonali.
2. Jekk bastimenti ghal sajd rikreazzjonali ghandhomx ikollhom licenzja.
3. Jekk ghandux ikun hemm zoni specifici ghal sajd rikreazzjonali.
4. Ghandhomx jigu kkontrollati d-daqs minimu tal-hut li jinqabad minn bastimenti rikreazzjonali.
5. Jekk ghandux jigi kkunsidrat sajd bil-harpoon.
6. Jekk ghandux ikun hemm distinzjoni bejn sajd rikreazzjonali u dak sportiv.
7. Ghandhomx il-bastimenti taht MFC u S ikollhom l-istess kundizzjonijiet.
8. Jekk ghandux ikun hemm kriterji differenti ghal sajd turistiku.

Qabel ma' jidhol fid-dettal fuq dawn il-proposti, il-Kumitat jixtieq jiddikjara li huwa ferm konxju mis-segwenti stat ta' fatt:-

(a) Illi l-Industrija tas-Sajd f'Malta hija wahda mill-pilastri ewlenin u fundamentali tal-ekonomija Maltija.

(b) Illi l-ghejxien tas-Sajjieda Maltin u b'mod specjali dak tas-sajjied artiggjanali ghandu jigi protett u possibilment anke zviluppat.

(c) Illi izda fl-istess hin ghandu jinholoq bilanc ekwu bejn id-drittijiet tal-istess sajjieda u dawk tas-sajjieda rikreazzjonali peress illi d-delizzju tas-sajd ilu stabbilit f'dawn il-Gzejjer ghal zmien twil, jifforma parti ntegrali mill-kultura Maltija u li n-numru ta' sajjieda rikreazzjonali llum jilhaq l-eluf u qieghed dejjem jikber.

(d) Illi s-sajd rikreazzjonali holoq fih innifsu industrija zghira ta' importaturi ta' irkaptu, ta' kostrutturi u mportaturi ta' varjeta kbira ta' bastimenti tas-sajd, magni, ingenji u attrezzi relattivi.

(e) Illi recentement l-Industrija tas-Sajd qed tohloq ukoll 'niche market' zghir pero' li qed jikber ukoll u huwa importanti hafna ghall-ekonomija Maltija u cioe' is-sajd turistiku. Dan is-settur ghadu mhux regolamentat.

(f) Illi l-membri kollha tal-Bord waslu ghal konkluzjoni unanima li s-sajd rikreazzjonali ghandu jigi regolamentat ahjar wara konsultazzjoni miftuha u wiesgha mal-partijiet kollha involuti.

Wara li gew prezentati dawn il-premessi il-Kumitat ser jipprocedi biex jipprezenta il-konkluzjonijiet milhuqa fuq kull proposta msemmija fit-'terms of reference' tal-istess kumitat u jittratta dawn individwalment.

**1. <u>X'tip ta' sajd ghandu jigi kkunsidratt bhala sajd rikreazzjonali.</u>**

Il-Kumitat iddiskuta fid-dettal it-tipi kollha varji tas-sajd b'mod illi nholqot distinzjoni bejn dawk l-irkapti li jistghu jigu wzati minn sajjieda rikreazzjonali u ohrajn li huma projbiti ghal dan is-settur ta' sajjieda rikreazzjonali. Din id-diskussjoni nvolviet ukoll rapprezentanti tal-Federazzjoni tal-Ghaqdiet tas-Sajjieda Dilettanti illi attendew il-laqgha relattiva u taw l-opinjoni u l-kontribut taghhom.

Il-Kumitat wasal ghall-konkluzzjoni li t-tipi ta' rkaptu tas-sajd li jistghu jintuzaw minn sajjieda rikreazzjonali huma dawk elenkati fl-iskeda hawn annessa u markata Dokument 'A li ghandha tifforma parti ntegrali minn dan ir-rapport.

Rapprezentant tal-Koperattivi fuq il-Kumitat ghamel ukoll suggeriment li tkun introdotta tip ta' 'bag limit' fuq il-hut kollu li jinqabad minn sajjieda rikreazzjonali, mentri r-rapprezentant tal-Federazzjonijiet tal-Ghaqdiet tas-Sajjieda Dilettanti ssuggerixxa li ghandu jkun hemm 'bag limit' biss fuq certi speci ta' hut li ghandhom eventwalment jigu elenkati. Dan is-suggeriment waqaf f'dan l-istadju peress illi ma kienx hemm consensus fuqu.

Il-Bord qabel ukoll illi:-

Huwa permess l-uzu ta' irkaptu tas-sajd iehor li m'huwiex imsemmi f'dan ir-regolament u jkun stabbilit minn zmien ghall-iehor mid-Direttur permezz ta' avviz fil-Gazzetta tal-Gvern wara konsultazzjoni mal-Bord tas-Sajd.

Hut maqbud permezz ta' irkaptu tas-sajd imsemmi hawn fuq u li japplika ghalih dan ir-regolament ghandu jkun ghall-konsum privat biss u ma jistax jinbiegh, ikun mahzun, muri jew offrut ghall-bejgh. Jista' jintuza izda ghall-karita.

Fejn tigi stabbilita taht l-Att relattiv kwota jew livell ta' qabda totali ta' xi hut jew dwar xi mezz ta' sajd f'xi parti mill-ibhra tas-sajd, jew fejn pjan ta' irkupru japplika ghal xi speci ta' hut, hut soggett ghal dik il-kwota u livell ta' qabda totali jew pjan ta' irkupru ma jistax jinqabad u jitnizzel l-art.

2. **<u>Jekk bastimenti ghal sajd rikreazzjonali ghandhomx ikollhom licenzja.</u>**

Il-Kumitat jaqbel bla rizervi li kull tip ta’ bastiment adebit ghal sajd rikreazzjonali ghandu jkollu licenzja relattiva mahruga mid-Direttorat tas-Sajd.

3. **<u>Jekk ghandux ikun hemm zoni specifici ghal sajd rikreazzjonali.</u>**

Il-Kumitat ma jaqbilx li ghandu jkun hemm zoni specifici ghal sajd rikreazzjonali. Minkejja dan il-principju l-Kumitat ikkonsidra li diga hemm hafna zoni li fihom ma jistax isir sajd minn sajjieda rikreazzjonali, bhal fejn jezistu ‘fish farms’, zoni protetti mill-MEPA li hemm kwantita’ minnhom, diving sites, rimjiet tal-lampuki u ohrajn.

Sabiex wiehed jinforza l-argument li ma ghandux ikun hemm zoni specifici ghal sajd rikreazzjonali, intqal li l-iktar tip tas-sajd komuni wzat minn sajjieda rikreazzjonali, jigifieri sajd bir-rixa ghal hut pelagiku, ma tistax bl-ebda mod tikkontrollah permezz ta’ zoni ghax il-postijiet fejn ikun jinqabad dan it-tip ta’ hut ivarja minn gurnata ghall-ohra.

4. **<u>Ghandhomx jigu kkontrollati d-daqs minimu tal-hut li jinqabad minn bastimenti rikreazzjonali.</u>**

Il-Kumitat wasal ghall-konkluzjoni illi ghandu jkun hemm regolamentazzjoni ghal dghajjes rikreazzjonali rigward id-daqs minimu ta’ hut maqbud basta jigu applikati l-istess regolamenti li jezistu jew ghad iridu jigu promulgati u implimentati ghal sajjieda professjonali.

5. **<u>Jekk ghandux jigi kkunsidrat sajd bil-harpoon.</u>**

Iva l-Kumitat qabel li s-sajd bil-harpoon jew ganc ghandu jigi kkunsidrat bhala sajd rikreazzjonali basta dan ghandu jigi licenzjat u kontrollat mid-Direttorat tas-Sajd. Naturalment, sajd bil-harpoon jew ganc bic-cilindru ghal kwalunkwe speci ta’ hut, frott jew molluski tal-bahar huwa assolutament projbit. Dghajjes li jintuzaw minn ghaddasa bil-harpoon jew ganc ghandhom jigu licenzjati mid-Direttorat tas-Sajd bhala MFC u inoltre’ jkollhom is-sinjali mehtiega meta dawn ikunu joperaw.

6. **Jekk ghandux ikun hemm distinzjoni bejn sajd rikreazzjonali u dak sportiv.**

Il-Kumitat qabel li m'ghandux ikun hemm distinzjoni bejn sajd rikreazzjonali u dak sportiv. Bhala principju, sajd sportiv, hawn Malta huwa prattikat biss minn sajjieda rikreazzjonali u jirreferu ghal kompetizzjonijiet tas-sajd. Ghaldaqstant, sajd sportiv waqt li ghandu jsegwi r-regolamenti kollha ta' sajd rikreazzjonali jista' jinhargulu mid-Direttorat tas-Sajd regolamenti ohra temporanji skond it-tip tas-sajd li tieghu tkun qieghda tigi organizzata l-kompetizzjoni relattiva.

7. **Ghandhomx il-bastimenti taht MFC u S ikollhom l-istess kundizzjonijiet.**

Il-Kumitat qabel li bastimenti registrati taht ir-Registru tad-Direttorat tas-Sajd (MFC) u bastimenti registrati mas-Small Ships Register ta' Transport Malta (S) ma ghandhomx ikollhom l-istess kondizzjonijiet.

Kull bastiment sabiex ibahhar irid ikollu licenzja ma' Transport Malta filwaqt li kwalunkwe tip ta' bastiment diga registrat ma' Transport Malta ghandha tinhariglu licenzja tas-sajd mid-Direttorat tas-Sajd sabiex jista' jipprattika s-sajd.

Bastimenti li jkunu registrati ma' Transport Malta biss ma jistghux jistadu.

Il-Kumitat qed jissuggerixxi u gia talab lil Transport Malta sabiex dawk il-bastimenti rikreazzjonali taht is-6 metri li jinsabu registrati mad-Direttorat tas-Sajd biss (peress illi diga hallsu l-first registration fee relattiva) issa jigu ezentati milli jhallsu first registration fee ohra meta dawn jirregistraw ma' Transport Malta. Naturalment, dawn il-bastimenti sussegwentement jibqghu jhallsu regolarment il-mizata annwali. Ir-rapprezentant tas-Sajjieda Dilettanti talab lid-Direttorat tas-Sajd li la darba kull bastiment se jkun hallas registrazzjoni ma' Transport Malta, il-provvediment tal-hlas ta' €466 bhala l-ewwel registrazzjoni mad-Direttorat tas-Sajd ghandha titnehha. Min japplika ghas-sajd ghandu jhallas ir-rata annwali tal-licenzja tas-sajd biss. Din il-proposta giet unanimament approvata.

Fis-seduti tal-istess Kumitat ir-rapprezentant tas-sajjieda rikreazzjonali talab illi l-policy tad-Direttorat tas-Sajd li outboard engines fil-kategorija ta' bastimenti 'MFC' li jeccedu sahha ta' iktar minn 99 ziemel ma setghux jintuzaw fl-istess kategoriji ta' sajd, tigi irtirata. Wara illi nghataw diversi ragunijiet sostanzjali u saru diskussjonijiet fit-tul dwar din il-policy ta' 'capping', sar qbil li din l-istess policy ma tistax treggi meta wiehed jitkellem dwar registrazzjoni ta' bastimenti taht il-kategorija S li jsiru MFC. Ghalhekk il-Kumitat issuggerixxa unanimament li din ghandha titnehha.

## 8. <u>Jekk ghandux ikun hemm kriterji differenti ghal sajd turistiku.</u>

Il-Kumitat jidhirlu li ghandu jkun hemm kriterji differenti ghal sajd turistiku. Sajd turistiku ghandu jkollu licenzja apposta mahruga mid-Direttorat tas-Sajd. Bastiment adebit ghal sajd turistiku ghandu jigi identifikat permezz ta' ittri u numri fuq il-bastiment li jindika dan it-tip ta' sajd per ezempju bl-ittri 'MFCT'.

Kemm operaturi turistici kummercjali kif ukoll sajjieda professjonali (MFA u MFB) jistghu japplikaw ghal dan it-tip ta' sajd. Filwaqt, li sajjied professjonali hekk licenzjat jista' ibiegh il-qabda ta' hut, operatur turistiku ma jistax ibiegh jew jikkummercjalizza l-qabda tieghu. Fir-rigward tal-operatur turistiku ghandu jkun hemm ghal kull sajda 'bag limit' fil-konfront ta' certi speci ta' hut. Il-qabda tal-operatur turistiku ghandha tintuza eskluzivament ghal konsum personali tal-ekwipagg u/jew is-sajjied rikreazzjonali abbord jew tinghata ghall-karita'.

### <u>Proposti mressqa mid-Direttorat tas-Sajd.</u>

Id-Direttorat tas-Sajd ipprezenta wkoll il-proposti li gejjin sabiex isir izjed kontroll u jkun hemm izjed sostenibbilita' fis-sajd u cioe':-

(a) Obbligazzoni li kull dghajsa jkollha installata fiha tip ta' tracking system.
(b) Limitazzjoni fuq zoni fejn MFCs ikunu jistghu johorgu jistadu.
(c) Limitazzjoni fuq l-irkaptu.
(d) Limitazzjoni bil-jiem matul is-sena.

Dawn il-proposti gew diskussi fid-dettal u ribattuti ghar-ragunijiet segwenti:-

Fir-rigward ta' proposta (a), dan il-Kumitat iddecieda li din il-proposta tigi mistharga fil-Bord tas-Sajd ghal dawn ir-ragunijiet:-

(i) It-'tracking system' ma taghtix informazzjoni fuq liema tip ta' sajd qed isir imma biss fuq il-pozizzjoni tal-bastiment relattiv u xorta wahda trid tuza rizorsi umani biex tikkontrolla l-qbid ta' hut.

(ii) Jekk it-'tracking system' tigi fil-futur implimentata, f'dan il-kaz ghandha tkun mifruxa fuq is-setturi tas-sajd kollha u mhux fuq is-settur rikreazzjonali biss. Izda qed jigi rilevat f'dan l-istadju li mhux id-dmir ta' dan il-kumitat li johloq sistema gdida li tigi ntrodotta fuq bastimenti ta' sajjieda kummercjali.

(iii) Irid isir studju profond ghar-rigward ta' liema mezz ta' 'tracking system' tigi adottata li tiehu in konsiderazzjoni sija it-tip u daqs ta' bastiment kif ukoll il-piz finanzjarju li din l-istess mizura timplika fuq kull sid ta' bastiment u kif ukoll it-taghmir u rizorsi sostanzjali li din il-mizura tinvolvi lid-Direttorat tas-Sajd.

Fir-rigward ta’ proposta (b), dina diga giet diskussa f’dan il-Kumitat u wiehed jista’ jirreferi ghall-item 3 ta’ hawn fuq.

Fir-rigward ta’ proposta (c), dina wkoll diga giet diskussa estensivament fil-Kumitat u sar qbil unanimu fuqha kif jidher ahjar fil-paragrafu numru wiehed (1) ta’ hawn fuq fejn gew diskussi l-Irkapti tas-Sajd.

Fir-rigward ta’ proposta (d), huwa ferm difficli u mhux prattiku li tikkontrolla s-sajd rikreazzjonali permezz tal-jiem li fih jista’ jsir sajd u dana minhabba hafna fatturi involuti bhal ma huma t-temp matul is-sena, il-passes ta’ hut differenti, l-istaguni partikolari tal-hut u d-diffikulta enormi biex din il-mizura tigi implimentata.

Minkejja dawn l-argumenti li tqajjmu gie maqbul unanimament illi ghar-rigward tal-proposti (a), (b) u (d), dawn ghandhom jigu mistharrga mid-Direttorat b’mod profond imma xjentifiku u ekonomiku sabiex tkun tista’ tittiehed decizjoni finali fuqhom.

Bhala konkluzjoni l-Kumitat jidhirlu li ghamel studju profond fuq it-‘terms of reference’ mitluba u ssuggerixxa proposti validi sabiex jigi regolamentat ahjar is-settur tas-sajd rikreazzjonali fil-kuntest ta’ sostenibbilita’ u viabilita’ fl-istess settur.

________________________
Notary Tonio Spiteri
Chairperson

____________________
Tony Tanti
Segretarju

Dr Joseph Carabott D’Amato
Membru

Ms Alice Peplow
Membru

Lt. Joseph Gatt
Membru

Ms Suzanne Dimech
Membru

Mr Joseph Demicoli
Membru

Mr Michael Mifsud
Membru

Dr Krista Calleja Mercieca
Membru

# **Dokument "A"**

## **IRKAPTU TAS-SAJD**

***X – Ma jistghux jintuzaw minn sajjieda rikreazzjonali***
***√ - Jistghu jintuzaw minn sajjieda rikreazzjonali***

| | **IRKAPTU** | **MFC** | **RESTRIZZJONIJIET** |
|---|---|---|---|
| **A** | **XBIEKI** | | |
| 1. | Xibka tat-Tonn (Purse Seine) | X | |
| 2. | Xibka tat-Tkaxkir | X | |
| 3. | Lampara | X | |
| 4. | Xibka tal-Lampuki | X | |
| 5. | Xibka tat-Tumbrell | X | |
| 6. | Xibka tal-Kahli (Gholi) | X | |
| 7. | Parit | X | |
| 8. | Xkett Parit | X | |
| 9. | Tartarun | X | |
| 10. | Gangmu | X | |
| 11. | Terrieha | X | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| **B.** | **KONZIJIET TAL-QIEGH** | | |
| 1. | Konz tal-fond | √ | Sa massimu ta' 200 sunnara u mhux aktar minn 100 qama fond |
| 2. | Konz tal-qasir | √ | Sa massimu ta' 200 sunnara |
| 3. | Konz tal-irqaq | √ | Sa massimu ta' 200 sunnara |
| | | | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | |
| | **IRKAPTU** | **MFC** | **RESTRIZZJONIJIET** |
| | | | |
| **C** | **KONZIJIET TAL-WICC** | | |
| 1. | Konz tat-Tonn | X | |
| 2. | Konz tal-Pixxispad | X | |
| 3. | Konz tal-Alongi | X | |
| 4. | Konz tal-Lampuki | √ | Sa massimu ta' 50 sunnara |
| 5. | Konz tal-Lizzijiet | √ | Sa massimu ta' 200 sunnara |
| 6. | Konz tal-Kahli/Sargi | √ | Sa massimu ta' 200 sunnara |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| **D** | **NASSI** | | |
| 1. | Nassi tal-Arznell | X | |
| 2. | Nassi tal-Vopi | √ | Sa massimu ta' 3 nassi |
| 3. | Nassi tal-Qarnit | √ | Sa massimu ta' 3 nassi kalati individwalment |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| **E** | **RIX**<br>**(Inkluzi Qasab bir-Reels Manwali u Elettrici)** | | |
| 1. | Rix tal-Alongi | √ | |
| 2. | Rix tal-Lampuki | √ | |
| 3. | Rix tat-Tumbrell | √ | |
| 4. | Rix tal-Kahli/Cervjol | √ | |
| 5. | Kull tip iehor ta' hut eskluz it-tonn | √ | |
| | | | |
| | | | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | |
| | **IRKAPTU** | **MFC** | **RESTRIZZJONIJIET** |
| | | | |
| **F.** | **XOLFA/QASAB**<br>**(inkluzi apparat bhal reels manwali jew elettrici)** | | |
| 1. | Xolfa tal-Fond (Dottijiet, Bazuk etc.) | √ | |
| 2. | Xolfa tal-Qasir (Sirran, Brieqex etc.) | √ | |
| 3. | Xolfa tal-Vopi | √ | |
| 4. | Xolfa tal-Klamari | √ | |
| 5. | Xolfa tal-Kavalli, Sawrell | √ | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| **G** | **FOROK** | √ | |
| | | | |
| | | | |
| **H** | **SAJD BIL-FROXXNA** | √ | |
| | | | |
| | | | |
| **I.** | **SAJD BIL-HARPUN** | | |
| 1. | BIc-cilindri | X | |
| 2. | Bin-nifs | √ | |
| | | | |
| | | | |
| **J.** | **JIGGING** | √ | |
| | | | |
| | | | |
| **K** | **SAJD BL-IMREJKBA** | √ | Sa tul massimu ta’ 300 qama tul |
| | | | |